



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 4 ta' Ġunju 2021
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0138 (COD)

10537/20
ADD 1

TRANS 375
CODEC 768

ABBOZZ TA' DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJET TAL-KUNSILL

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar ir-razzjonalizzazzjoni ta' miżuri li jmexxu 'l quddiem it-twertiq tan-network trans-Ewropew tat-trasport
– Abbozz ta' Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill

I. INTRODUZZJONI

1. Fis-17 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill il-proposta msemmija hawn fuq, bħala parti mit-tielet pakkett "Ewropa Attiva", li huwa mfassal biex jagħmel il-mobbiltà Ewropea aktar sikura, aktar nadifa, aktar effiċjenti u aktar aċċessibbli. Il-proposta għandha l-għan li tissimplifika r-regoli tal-għoti tal-permessi bil-għan li tiffaċilita t-tlestija tan-Network Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T).
2. Fil-Parlament Ewropew, il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (TRAN) inħatar bħala l-kumitat ewlieni għal dan il-fajl u s-Sur Dominique Riquet (ALDE, FR) inħatar bħala r-rapporteur. Il-Parlament ivvota dwar ir-rapport u adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fit-13 ta' Frar 2019.
3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta opinjoni fis-17 ta' Ottubru 2018.
4. Il-Kumitat tar-Reġjuni adotta opinjoni fis-7 ta' Frar 2019.
5. Fil-Kunsill, wara diskussjonijiet fil-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport - Kwistjonijiet Intermodali u Networks bejn Ġunju 2018 u Novembru 2019, intlaħaq approċċ ġenerali dwar il-proposta fil-laqgħa tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2019.
6. Sussegwentement, saru tliet trilogi informali fit-3 ta' Frar, it-18 ta' Mejju u t-8 ta' Ġunju 2020, li rriżultaw fi ftehim proviżorju ġenerali bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew f'konformità mal-mandat li ġie mġedded mill-Coreper fit-3 ta' Ġunju 2020. Fis-17 ta' Ġunju 2020, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma t-test ta' kompromess finali kif maqbul fit-trilogu tat-8 ta' Ġunju 2020.

7. Il-Kumitat TRAN tal-Parlament Ewropew ivvota favur l-istess test ta' kompromess proviżorju fl-14 ta' Lulju 2020. Sussegwentement, il-President tal-Kumitat TRAN indirizzat ittra bid-data tas-16 ta' Lulju 2020 lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fejn iddikjarat li, jekk il-Kunsill jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari f'konformità mal-ftehim proviżorju ġenerali maqbul, hija tirrakkomanda lill-Plenarja li l-pożizzjoni tal-Kunsill tiġi aċċettata mingħajr emendi fit-tieni qari tal-Parlament, soġġett għal verifika mill-ġuristi lingwisti.

II. OBJETTIV

8. L-oġġettiv ġenerali tad-Direttiva huwa li tissimplifika r-regoli tal-ġħoti tal-permessi bil-għan li tiġi ffaċilitata t-tlestija tan-Network Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T). Għandha l-għan ukoll li tiċċara aktar il-proċessi li l-promoturi tal-proġetti jeħtieġ isegwu, l-aktar fejn jidħlu l-proċeduri tal-ġħoti tal-permessi, tal-akkwist pubbliku u proċeduri oħra.

III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

Kuntest proċedurali

9. Abbażi tal-proposta tal-Kummissjoni, il-Parlament u l-Kunsill wettqu negozjati bil-għan li jikkonkludu ftehim bikri fit-tieni qari abbażi tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari. It-test tal-abbozz ta' pożizzjoni tal-Kunsill jirrifletti bis-sħiħ il-kompromess li ntlaħaq bejn iż-żewġ koleġiżlaturi.

Sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin

10. Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari fiha l-elementi ewlenin li ġejjin, li dwarhom intlaħaq ftehim bejn il-koleġiżlaturi:
11. Natura legali tal-proposta: Il-koleġiżlaturi qablu li jibdlu n-natura legali tal-proposta minn "Regolament" għal "Direttiva". Din il-bidla tippermetti flessibbiltà akbar għall-Istati Membri biex iwettqu proċeduri għall-ġħoti tal-permessi u tippermettilhom ukoll li jieħdu vantaġġ mill-proċeduri tal-ġħoti tal-permessi tagħhom li diġà huma fis-seħħ.

12. Ambitu: Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tipprevedi li l-lista ta' proġetti, li tinkludi l-lista ta' konnessjonijiet transfruntieri u konnessjonijiet neqsin u hija identika għal-lista fit-Taqsima 1 tal-Parti III tal-Anness għar-Regolament dwar il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, ser tiġi inkluża fl-Anness għad-Direttiva, sabiex jiġu żgurati ċ-ċarezza u ċ-ċertezza legali. Barra minn hekk, l-ambitu ser ikopri wkoll proġetti oħra fuq il-kurituri tan-network ewlieni bi spiża totali li taqbeż EUR 300 miljun.
13. Awtorità maħtura: Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tiddefinixxi r-rwol u r-responsabbiltà tal-awtorità maħtura li ser tkun il-punt ewlieni ta' kuntatt għall-informazzjoni għall-promotur tal-proġett u ser tipprovdi wkoll gwida fis-sottomissjoni tad-dokumenti u l-informazzjoni rilevanti kollha, jekk mitluba. Din id-dispożizzjoni tistabbilixxi wkoll perijodu ta' żmien għall-ħatra ta' din l-awtorità, li huwa stabbilit għal 24 xahar wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva. Il-bidliet inklużi f'dan l-Artikolu għandhom l-għan li jiggwarantixxu livell suffiċjenti ta' flessibbiltà għall-Istati Membri għall-implimentazzjoni ta' din id-dispożizzjoni.
14. Tul ta' żmien tal-proċedura tal-ġhoti tal-permessi: Il-koleġiżlaturi qablu li jistabbilixxu l-limitu ta' żmien ġenerali għall-proċedura tal-ġhoti tal-permessi għal erba' snin. Barra minn hekk, jistgħu jingħataw żewġ estensjonijiet għal dan il-limitu ta' żmien f'każijiet debitament ġustifikati. Il-bidliet introdotti fil-pożizzjoni tal-Kunsill għandhom l-għan li jiżguraw marġni suffiċjenti ta' flessibbiltà fir-rigward tal-perijodu ta' żmien għat-tlestija tal-proċedura tal-ġhoti tal-permessi, b'mod partikolari fid-dawl tal-kumplessità u d-diversità tal-proġetti tat-trasport li jaqgħu fl-ambitu tad-Direttiva.
15. Organizzazzjoni tal-proċedura tal-ġhoti tal-permessi: Fil-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari, id-diversi fażijiet tal-proċedura tal-ġhoti tal-permessi ngħaqdu f'waħda, u dan irriżulta f'simplifikazzjoni importanti. Fl-istess ħin, din id-dispożizzjoni tippermetti lill-Istati Membri jistabbilixxu passi differenti fi ħdan il-perijodu ta' erba' snin skont il-liġi nazzjonali tagħhom.
16. Traspożizzjoni: Bħala konsegwenza tal-bidla tal-forma legali tal-proposta, il-koleġiżlaturi qablu dwar perijodu ta' traspożizzjoni stabbilit għal 24 xahar wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva.

IV. KONKLUŻJONI

17. Il-pożizzjoni tal-Kunsill tissottolinja l-oġġettiv ewlieni tal-proposta tal-Kummissjoni u tirrifletti bis-sħiħ il-kompromess li ntlaħaq fin-negozjati informali bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew, bl-appoġġ tal-Kummissjoni.

18. Il-Kunsill għalhekk jemmen li l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari hija rappreżentazzjoni bbilanċjata tal-eżitu tan-negozjati u li, ladarba tiġi adottata, id-Direttiva ser tkun kontribut importanti għas-simplifikazzjoni tar-regoli tal-ġħoti tal-permessi li tirriżulta fil-faċilitazzjoni tat-tlestija tan-Network Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T).
